**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Preliminari Numru: 2747**

**Kaz Nru: 3811/MD**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Mr. Emanuel Caruana detentur tal-karta tal-identita bin-numru 673756(M)**

**u**

**Detention Service Officer Ministry for Home Affairs**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum il-Hamis 15 ta' Lulju, 2021

**Chairperson: Dr. Marouska Debono LL.D., MA. in Law**

It-Tribunal,

**Introduzzjoni**

Ra r-rikors ta' Emanuel Caruana pprezentat fil-5 ta' Dicembru 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab dan li gej:

1. L-esponent gie mpjegat mas-socjeta' ntimata fuq bazi full-time, fil-posizzjoni ta' Detention Service Officer, b'kuntratt ghall-perjodu ta' sena mill-10 t'Awissu tas-sena 2012 liema kuntratt jigi estiz. L-esponenti kien haddiem biezel u dejjem wettaq id-dmirijiet tieghu bl-akbar hila u dedikazzjoni.

2. Illi bhal sajjetta fil-bnazzi, fit-tnejn (2) ta' Lulju 2019, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru permezz ta' ittra nforma lir-rikorrent li l-posizzjoni tieghu ma kinitx iktar necessarja fis-socjeta' ntimata u dan bl-ebda mod ma kellu jigi nterpretat bhala riflessjoni fuq l-imgieba jew ix-xoghol tieghu. Ir-rikorrent ghaldaqstant gie redundant b'effett minn Lulju 2019.

3. Illi r-raguni moghtija mis-socjeta' ntimata mhijiex raguni valida u skont il-ligi tant li x-xoghol, is-servizz u d-dmirijiet li r-rikorrent kien jaghti ghadhom necessarji tant li dan ix-xoghol qieghed isir minn impjegati ohra. Ir-raguni ta' redundancy mhiex genwina u ma saritx skont il-ligi u l-posizzjoni ghadha tezisti fis-socjeta' ntimata. Illi t-tkeccija tar-rikorrent hija wahda ngusta u r-raguni li nghata kienet biss tentattiv biex tinheba r-raguni vera u cioe' l-animozita' il-pika da parti tad-direttur manigerjali wara li r-rikorrent kien sab hwejjeg fuq is-

socjeta' ntimata li minhabba fihom bdew jarawh zejjed. It-tkeccija kienet 'ikkamufatta' f'sensja u dan billi kienu jafu li ma kienx hemm ebda raguni valida biex jigi tterminat l-impjieg u allura s-sensja ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi.

4. L-esponent ghalhekk ma kellu l-ebda ghazla ghajr illi jipprocedi kontra l-istess socjeta' f'din l-istanza ghat-tutela tad-drittijiet tieghu. Stante c-cirkonstanzi tal-posizzjoni tieghu fil-kumpannija, u stante l-irwol li huwa kellu, l-esponenti jitlob sabiex jigi rimes lura fl-impjieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal jogghbu:

1. Jiddikjara illi l-impjieg tal-esponent gie mitmum ingustament;

2. Jordna, okkorrendo, lis-socjeta' ntimata tiehu lura lill-esponenti fl-istess posizzjoni ta' mpjieg illi huwa kellu qabel it-terminazzjoni;

3. Jordna, okkorrendo, illi r-rikorrenti jinghata kumpens xieraq.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' ntimata.

Ra r-risposta tad-Detention Services Officer Ministry for Home Affairsipprezentata fit-13 ta' Jannar 2020 fejn eccepiet is-segwenti:

Illi s-segwenti huma l-fatti kif magħrufa mill-esponent, flimkien mall-eċċezzjonijiet tieghu għall-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent, liema eċċezzjonijiet qegħdin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

Illi din il-kwistjoni kollha temana minn ittra datata 2 ta' Lulju 2019 mibgħuta mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali lill-attur Emanuel Caruana fejn dan tal-aħħar ġie nfurmat illi t-talba tal-attur tad-29 ta' Mejju 2019 ossia '*Top up pegged to the postponement of pension beyond the age of 61 for public employees'* tramite l-OPM circular nru 9/2018 fit-3 ta' Dicembru 2018 giet rifjuatata;

**Eċċezzjonijiet preliminari**

1. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, dan it-Tribunal m'għandux kompetenza *ratione materie* sabiex jisma' u jiddeciedi t-talbiet imressqin fil-kawża odjerna *stante* li din il-kawża ġiet intavolata f'kuntest ta' ħatra ta' uffiċjal fis-settur pubbliku. Illi l-kompetenza tat-Tribunal hija limitata għal dak li jipprovdi l-istess artikolu 75(1) tal-istess Att li jipprovdi s-segwenti:

   *'75(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*
   *(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*

*(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,*

*għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra'*

*Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw limsemmija Ordinanza jew Att;*

Illi l-każ odjern la huwa każ ta' tkeċċija nġusta u lanqas ma jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I taħt l-imsemmi Att;[1]

Illi semmai l-attur kellu rimedju ordinarju ai termini tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Liġi Sussidjarja 03 tal-Kostituzzjoni;

2. Illi m'huwiex minnu illi l-attur tkecca, wisq anqas huwa minnu illi l-attur spicca redundant mill-impjieg tieghu u tkecca minhabba *redudancy* u dan kif ser jigi spjegat iktar isfel fil-mertu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kas bhala punt legali ai termini tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta d-definizzjoni ta' "tkeccija ngusta" ma tinkludiex impjieg li spicca minhabba raguni ta' *redundancy* u ghaldaqstant l-azzjoni tal-attur kif impostata hija legalment improponibbli;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kas l-azzjoni tal-attur kif impernjata fuq l-ittra tat-2 ta' Lulju 2019 hija preskritta ai terminu tal-artikolu 75(3) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li l-ilment quddiem it-Tribunal Industrijali kellu jiġi ippreżentat **fi**

[1] F'dan is-sens vide digriet tal-21 ta' Novembru 2019 ta' dan it-tribunal diversament presedut (Kaz Nru: 3674/JD) fl-ismijiet "Mark Formosa [K.I. 0327891M] u Is-Segretarju Permanenti fi hdan Il-Ministeru ghal Ghawdex et": *Artiklu 75 (1) tal-Kap 452 ighid minghajr l-ebda ekwivoku li l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali hija esklussivament fuq tkeccija mill-impjieg u materji li jaqghu that it-Titolu I tal-istess Kap. Il-kaz odjern jikkoncerna l-Artiklu 34 (2) tal-istess Kap, li jaqa' taht l-imsemmi Titolu I. Pero` l-imsemmi Artiklu 75 jistipula li, "… f'dan l-artikolu l-espressjoni haddiem ma tinkludix ufficcjali pubblici …".*
*L-Artiklu 80 (2) tal-Kap 452 jezigi li, "Meta xi haga quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar ufficcjali pubblici t-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' kull haga li taqa' taht il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni (dwar is-Servizz Pubbliku – ara Artiklu 72 (1)."*

**<u>żmien erba' xhur minn meta sar il-ksur allegat, liema terminu ta' dekadenza ddekorra</u>**;

**Eċċezzjonijiet fil-mertu**

5. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur u dan kif ser jiġi spjegat matul it-trattazzjoni tat-talba promotur;

6. Illi l-esponent jeċepixxi fil-mertu illi ma seħħet l-ebda tkeċċija fil-konfront tal-attur, wisq anqas tkeċċija nġusta jew minhabba raguni ta' *redundancy* u għalhekk l-azzjoni attriċi hija legalment u fattwalment skoretta. Ġialadarba l-premessi tal-atturi huma żvijanti għal dan l-Onorabbli Tribunal, l-esponenti ser jgħaddu sabiex jagħtu sfond fil-qosor tal-fatti kif verament seħħu. Illi inizjalment r-rikorrent ġie ngaġġat bħala Detention Service Officer taht kuntratt definit mill-10 t'Awissu 2012 sad-9 t'Awissu 2013 u fl-14 ta' Jannar 2013 inghata status indefinit bhala Officer in Scale 14. Illi dan ifisser illi l-kuntratt definit tieghu ta' Detention Service officer inbidel ghal wiehed indefinit u gie kkunsidrat li jibbenefika mill-kunsiderazzjonijiet pattwiti fil-kuntratt definit. (kopja tal-kuntratt tas-Servizz hawn anness u mmarkat **Dok 'A'**); Illi l-attur lahaq iz-zmien tal-irtirar ta' tlieta u sittin sena (63) ghal persuna li twieled fis-sena 1956 u li ghalhekk l-kuntratt ta' servizz tieghu ntemm b'mod naturali fit-12 t'Ottubru 2019 (Vide Dok '**B**' estratt mill-PSMC regulations). Illi *di piu'* l-attur ghamel talba sabiex jinghata estensjoni ossia '*Top up pegged to the postponement of pension beyond the age of 61 for public employees'* tramite l-OPM circular nru 9/2018 fit-3 ta' Dicembru 2018 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok '**C**'.) L-attur ghamel talba wkoll lill-ufficcju tal-Ombudsman liema ufficcju fid-19 t'Awissu 2019 iddelibera illi s-Segretarju permanenti fi hdan il-Ministeru ghas-Sigurta' Nazzjonali ghandu d-diskrezzjoni illi jiehu decizjoni wara li jiehu *feedback* mill-Amministrazzjoni tad-Detention Centre (dak iz-zmien Josie Brincat bhala Head), kif fil-fatt gara u li ghalhekk l-ilment tieghu ma jissusstix (vide Kopja tad-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman tad-19 t'Awissu 2019 hawn annessa u mmarkata bhala Dok '**D**'). Finalment fit-2 ta' Lulju 2019 l-istess Segretarju permanenti nforma permezz ta' ittra lill-attur illi t-talba ghall-estensjoni tieghu giet michuda minnufih. Illi din id-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti giet ikkonfermata bhala ezercizzju korrett tal-istess diskrezzjoni mill-Ufficcju tal-Ombudsman u dan skond rakkomandazzjoni tad-19 t'Awissu 2019;

7. Illi ghalhekk huwa car illi l-allegazzjoni tal-attur illi huwa tkecca permezz ta' l-ittra tat-2 ta' Lulju 2019 hija nveritiera ghall-ahhar *stante* illi huwa rtira fit-12 t'Ottubru 2019;

8. Illi ghaldaqstant kwalunkwe allegazzjoni ta' *foul play* jew kamufaggni tal-'raguni veritiera' ghac-cahda ta' estensjoni fis-servizz huma fiergha u gratwiti u ma jirriflettiex il-fatti kif spjegati, apparti l-fatt illi ma tali decizjoni ma tistax f'decizjoni ta' tkeccija imma biss rifjut ta' estensjoni ta' kuntratt li ntemm b'mod naturali;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

10. Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Ra l-affidavit esebit mir-Rikorrent.

Sema t-trattazzjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Ra illi ghadda ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

**Fatti fil-qosor**

Ir-Rikorrent kien jahdem fuq bazi full-time b'kuntratt definit mill-10 t'Awissu 2012 sad-9 t'Awissu 2013 fejn fl-14 ta' Jannar 2013 inghata status indefinit bhala Officer in Scale 14 u gie kkunsidrat li jibbenefika mill-kunsiderazzjonijiet miftehmin fil-kuntratt definit. Ir-Rikorrent ghamel talba lis-Segretarju Permanenti sabiex jinghata estensjoni sabiex ikompli jahdem wara li jispicca xoghlu bl-eta' pensjonabbli tramite c-cirkulari mahruga mill-OPM numru 9/2018 fit-3 ta' Dicembru 2018 "Top up pegged to the Postponement of pension beyond the age of 61 for public employees" liema talba giet rifjutata. Sussegwentement, fit-12 ta' Lulju 2019, ressaq ilment mall-Ufficju tal-Ombusman, kaz numru T0192 fejn l-ilment kien li "din id-decizjoni kienet diskriminatorja fil-konfront tieghek peress li t-talba maghmula mill-kollegi tieghek kienet giet milqugha u t-talba tieghek giet rifjutata..."

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit tar-Rikorrent Emanuel Caruana li permezz tieghu spjega li huwa kien jokkupa l-kariga ta' ufficjal pubbliku fi hdan l-ufficju ta' detenzjoni li jinsab fil-barracks ta' Hal Safi. Huwa beda l-impjieg tieghu fl-20 t'Awissu 2012 izda ddikjara li kien ilu iktar snin jahdem mall-istess Awtorita' bhala suldat u ma kienx b'kuntratt ghaliex kif spicca mill-armata kien gie tal-post.

Jiftakar li warajh kienu gew impjegati xi ndividwi bil-kuntratt u gew tal-post awtomatikament u dan kontra kull procedura li titlob li sabiex wiehed jigi tal-post irid ikun tal-anqas ikun ghamel erba' snin ta' hidma fi hdan l-istess Awtorita'. Nhar it-12 t'Awissu tas-sena 2019 kien ircieva ittra fejn gie nformat li l-impjieg tieghu ma kienx ser jigi imgedded u dan ghaliex hu gie nfurmat tlett xhur minn qabel, u cioe' fit-2 ta' Lulju 2019 li f'Ottubru ma kienx ser jiggeded il-kuntratt. Fit-12 ta' Lulju 2019 ir-Rikorrent kiteb lill-Ombudsman ghal tkeccija ngusta permezz tal-avukat tieghu. Irrileva li huwa ma ddecidiex minn jeddu biex jitlob ghall-estensjoni fix-xoghol tieghu izda kien id-Direttur Joseph Brincat li heggu sabiex japplika ghall-estensjoni tal-eta' 63

sal-65 bil-pensjoni. Ic-cirkulari tispecifika "public officers who wish to continue working beyond the age of 63 years and up to the age of 65 are required to obtain prior approval from their respective Permanent Secretary, or his/her delegate".

Ra l-kopja tal-kuntratt tax-xoghol bejn ir-Rikorrent u l-Gvern ta' Malta datat 23 t'Awissu 2012.

Ra l-ittra tas-Segretarju Permanenti s-Sur Mario Debattista fejn gie nfurmat li huwa kien qed jinghata status indefinit ta' Officer in Scale 14 (minimum point) datat 31 ta' Jannar 2013.

Ra l-kopja tal-estratt mir-Regolamenti tal-PSMC.

Ra l-kopja tac-cirkolari tal-OPM numru 9/2018 tat-3 ta' Dicembru 2018.

Ra l-kopja tar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman datata 19 t'Awissu 2019.

Ra l-ittra mibghuta mis-Segretarju Permanenti s-Sur Kevin Mahoney datata 2 ta' Lulju 2019.

**Trattazzjoni tal-Partijiet dwar iz-zewg eccezzjonijiet preliminari:[2]**

Ra li fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari, is-Socjeta' Ntimata permezz tal-Avukat Difensur taghha qalet li fir-risposta taghhom fissru l-ewwel eccezzjoni preliminari li tirrigwardja n-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal razione materia. Ta sfond tal-kaz, li r-rikorrent kien, kif spjegat ingaggat bhala Detention Service Officer fit-12 t'Ottubru 2019, intemm is-servizz tieghu b'mod naturali jigifieri lahaq l-eta' pensjonabbli u applika permezz ta' servizz illi jaghmel il-ministeru ghal Top Up Pack ghal Postponement of Pension beyond the age of 61 for the public employees. Dak li sar, kien li staqsa biex hu jkompli jahdem imma hu kien gja pensjonabbli jigifieri l-kuntratt tieghu kien gja spicca, s-Segretarju Permanenti ghamel il-mistoqsija lill-OPM, is-Segretarju Permanenti ra li ma hemmx bzonn ta' dan l-impjieg li jkompli u giet ikkomunikata lilu fit-2 ta' Lulju 2019. Din ma hijiex kwistjoni ta' tkeccija ngusta, redundancy u l-kwistjonijiet kollha li tqajmu fit-talba lil dan it-Tribunal. Sempliciment ir-rikorrent lahaq l-eta' pensjonabbli, prova jaghmel uzu minn dan is-servizz, li ma huwiex dritt per se izda talba li tista' tigi rifjutata jew accettata. F'dan il-kaz giet rifjutata u nghatat ir-raguni u r-rikorrent mar ukoll quddiem l-Ombudsman. Lanqas l-Ombudsman ma tah ragun ghax qal li s-Segretarju Permanenti kellu jaghmel ezercizzju kif kellu jaghmel u nghatat id-decizjoni. Jekk forsi twarrab dawn il-fatti kollha, jekk wiehed jara legalment it-talba quddiem dan it-Tribunal ma tistax tkun diretta cioe' l-persuna li taghmel it-talba ma tistax tkun persuna fl-impjieg mas-servizz pubbliku ghax l-artikolu 75 tal-Kap 452 jghidlek fil-proviso '*Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi.* Semma wkoll digriet ta' dan it-Tribunal diversament presedjut fl-

[2] Datati 28 ta' Settembru 2020 u l-1 ta' Marzu 2021 rispettivament.

ismijiet Mark Formosa vs Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex fejn qal li l-Artikolu 75 tal-Kap 452 jghid minghajr ebda ekwivoku illi gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal hija esklussivament fuq tkeccija mill-impjieg u materji li jaqghu taht it-titolu tal-istess Kap, il-kaz odjern jikkoncerna l-artikolu 35(2) tal-istess Kap li taqa' taht l-imsemmi artikolu 1 pero' l-imsemmi Artikolu 71 jistipula dan l-artikolu l-espressjoni tal-haddiema ma tinkludiex ufficcjali pubblici. L-artikolu 80 sub-artikolu 2 tal-Kap 452 jezigi illi meta xi haga quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar uficcjali pubblici, it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' kull haga li taqa' taht l-istess funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jigifieri kellha ssir procedura quddiem il-Kummissjoni u dan jirrizulta mid-dokumenti annessi.

Ir-Rikorrent permezz tal-Avukat Difensur tieghu rrileva li ma huwiex kontestat li huwa ufficjal pubbliku ghax hija cara li l-impjieg li kellu l-kariga fi hdan fejn kien jahdem ta' ufficjal pubbliku rrimetta ruhu.

Ra li regghet issejjhet il-kawza sabiex tigi ttratta t-tieni eccezzjoni wkoll halli tinghata decizjoni preliminari wahda fir-rigward taz-zewg eccezzjonijiet preliminari.[3]

Ra li fir-rigward tat-tieni eccezzjoni preliminari s-Socjeta' Ntimata permezz tal-Avukat Difensur taghha qalet li t-talba tar-rikorrent hija preskritta minhabba l-fatt li s-Segretarju Permanenti Kevin Mahoney kien informa lir-rikorrent fit-2 ta' Lulju 2019 li r-rikjesta ma gietx accettata. Konsegwentement, skond it-talba mressqa mir-rikorrent quddiem dan it-tribunal fil-5 ta' Dicembru 2019 fetah din il-kawza u t-Tribunal skont l-artikolu 75 sub-artikolu 3 tal-Kap 452 t-talba trid issir fi zmien 4 xhur. Mit-2 ta' Lulju sa Dicembru jidher li ghaddew iktar minn 5 xhur. Din ma hijiex kwistjoni ta' twaqqif ta' mpjieg jew dismissmal hekk kif hemm fir-risposta. Din hija kwistjoni ta' rikjesta min-naha tar-rikorrent sabiex ikun hemm top-up fuq il-pensjoni tieghu. Ir-rikjesta saret, harget decizjoni definittiva tat-2 ta' Lulju 2019, tant hi definittiva li ma hargitx decizjoni ohra u ghalhekk dik hija d-decizjoni. Din ma hijiex tkeccija.

Ir-Rikorrent permezz tal-Avukat Difensur tieghu qal li minn Lulju sakemm giet biex tinfetah il-kawza quddiem it-Tribunal is-Sur Caruana kien ghadu ghaddej bit-trattattivi mas-socjeta' ntimata, ghaliex kienu qed jibghatu ghalih biex jiffirma xi dokument biex jirrezenja, jigifieri biex kien ghad ma kienx hemm decizjoni definittiva. Ir-Rikorrent spicca mill-impjieg mall-gheluq tal-birthday tieghu li kien f'Ottubru 2019.

**Kunsiderazzjonijiet**

It Tribunal ghalhekk ser jiddeciedi l-eccezzjonijiet preliminari eccepieti mis-Socjeta' Ntimata wahda wahda.

1. **Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, dan it-Tribunal m'għandux kompetenza *ratione materie* sabiex jisma' u jiddeciedi t-talbiet imressqin fil-kawża odjerna *stante* li din il-kawża ġiet intavolata f'kuntest ta' ħatra ta' uffiċjal fis-settur pubbliku.**

[3] Verbal datat l-1 ta' Marzu 2021

Illi l-ewwel eccezzjoni titratta n-nuqqas ta' kompetenza ratione materie ta' dan it-Tribunal.

It-Tribunal Industrijali u minn dak li hemm stipulat fil-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni specjali u limitata. L-artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jispecifika bl-aktar mod car x'hini l-kompetenza tat-Tribunal Industrijali u jghid s-segwenti:

*Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*

*(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,*

*għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra'*

***Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi** jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku; **u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi** jew xi persuna li għaliha japplikaw limsemmija Ordinanza jew Att;*

Din il-kwistjoni tax-xoghol hija bbazata fuq kuntratt ta' xoghol li gie mitmum b'mod naturali ghaliex ir-Rikorrent lahaq l-eta' pensjonabbli. Ir-Rikorrent, hekk kif kellu dritt jaghmel wera l-interess li jkompli s-servizz skont ic-circolari OPM No: 9/2018 - Top up pegged to the Postponement of Pension beyond the age of 61, for Public Employees, liema rikjesta ma gietx milqugha mis-Segretarju Permanenti permezz ta' risposta datata 2 ta' Lulju 2019,[4] fejn jidher li s-Segretarju Permanenti kellu kull diskrezzjoni li jilqa' o meno t-talba ghal tali estensjoni. Kien hawnhekk, wara li l-kuntratt miet b'mewta naturali li r-Rikorrent ghamel it-talba fejn allega illi kien tkecca ngustament mill-impjieg tieghu.

L-Artikolu 80 (2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*Meta xi ħaġa quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar uffiċjali pubbliċi t-Tribunal għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni.*

---

[4] A fol – tal-process, ittra datata 2 ta' Lulju 2020.

Il-partijiet qablu li r-rikorrent huwa ufficjal pubbliku fejn fit-trattazzjoni l-abbli difensur tar-rikorrent qalet "fir-rigward li huwa ufficjal pubbliku m'hijiex ikkontestata ghax hija cara l-impjieg li kellu l-kariga li kellu fi hdan fejn kien jahdem kienet ta' ufficjal pubbliku".[5]

Hemm diversi decizjonijiet dwar il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali u dwar il-gurisdizzjoni esklussiva li ghandu t-Tribunal Industrijali. Fid-decizjoni Karmenu Vella vs General Workers' Union[6], il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat- Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id- disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b' mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il- gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.*

Minn din is-silta johrog car x'hini l-intenzjoni tal-legislatur ghal dak li ghandu x'jaqsam mall-poteri tat-Tribunal Industrijali. Fil-kaz odjern, ir-Rikorrent qed jitlob li jigi dikjarat li l-impjieg tieghu gie mitmum ingustament, jordna lis-Socjeta' Ntimata tiehu lura lir-Rikorrent fl-istess posizzjoni ta' mpjieg illi huwa kellu qabel it-terminazzjoni, jordna illi r-Rikorrent jinghata kumpens xieraq.

Fl-affidavit tieghu ir-Rikorrent qal:

> *Illi jiena ma ddecidejtx minn jeddi sabiex nitlob ghall-estensjoni fix-xoghol tieghi izda kien precizament id-direttur Joseph Brincat illi heggigni sabiex napplika ghall-estensjoni tal-eta' 63 sal-eta' ta' 65 bil-pensjoni...*

Minkejja li r-Rikorrent hass li n-nuqqas ta' estensjoni ta' tali kuntratt kienet tkeccija ngusta fil-konfront tieghu, allura kellu kull dritt jappella quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku skont il-Legislazzjoni Sussidjajrja .03 tal-Ligijiet ta' Malta. Jidher li r-Rikorrent ghazel li ma jezercitax dan id-dritt hekk kif moghti lilu.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal Industrijali m'ghandu l-ebda setgha moghtija lilu mil-ligi sabiex jissindika dawn il-proceduri stante li tikkoncerna ufficjal pubbliku.

Ghaldaqstant, jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta' Ntimata.

---

[5] Trattazzjoni datata 28 ta' Settembru 2020.
[6] Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Settembru 2010; Cit. Nru: 774/2009/JZM.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddisponi mill-kawza billi:

Jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari, li m'ghandux kompetenza ratione materie sabiex jisma' u jiddeciedi it-talbiet imressqin fil-kawza odjerna stante li din il-kawza giet intavolata f'kuntest ta' hatra ta' ufficjal fis-settur pubbliku u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni u tat-talbiet tar-Rikorrent.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

Ghall-iskopijiet tal-artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dan il-kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti u ragunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Marouska Debono**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**